MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 515/2005

**Maltacom plc (C22334)**

**vs**

**Bernardette Fenech (K.I. Nru. 97759 M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta’ Frar 2005, fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ disa’ mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u centezmu (Lm923.01) rapprezentanti kont ta’ servizz telefoniku li jgib in-numru 21574101 kif jirrizulta mill-anness prospett Dok B u kuntratt ta’ servizz Dok A;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata legalment il-konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' disa' mija u tliet u ghoxrin lira Maltija u centezmu (Lm923.01) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjes ta' dina l-istanza a karigu tal-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------